Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Novembru 2025**
**(OR. en)**

**15487/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0210 (BUD)**

**FIN 1358**

**NOTA PUNT "A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kunsill |
| Suġġett: | Test konġunt dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2026 Approvazzjoni |

1. Wara l-laqgħat tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fl-4, l-14 u l-15 ta' Novembru 2025, intlaħaq qbil bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar test konġunt kif previst fl-Artikolu 314(5) TFUE.

2. Dan it-test konġunt u l-annessi tiegħu ntbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fil-15 ta' Novembru 2025, u kull wieħed minnhom għandu perjodu ta' erbatax-il jum minn din il-ġurnata biex japprovah (ara l-ANNESS). It-test konġunt jikkonsisti mid-dokumenti li ġejjin meħudin flimkien, irreġistrati fl-Addenda 1 sa 5 ta' dan id-dokument:

   – ċifri sommarji skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju (ara d-dokument 15487/25 ADD 1);

   – ċifri linja b'linja għall-partiti tal-baġit kollha (ara d-dokumenti 15487/25 ADD 2 u ADD 3);

   – dokument ikkonsolidat li juri ċ-ċifri u t-test finali tal-linji kollha emendati matul il-Konċiljazzjoni (ara d-dokumenti 15487/25 ADD 4 u ADD 5).

3. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni qabel ukoll dwar id-dikjarazzjonijiet irreġistrati fl-Anness 2 tal-ANNESS jew ħa nota tagħhom.

4. Il-Kunsill mistieden:

– japprova t-test konġunt dwar il-baġit għall-2026 kif jinsab fl-ANNESS u fl-Addenda 1 sa 5 ta' dan id-dokument; kif ukoll

– jirreġistra fil-minuti tiegħu d-dikjarazzjonijiet maqbula jew li ttieħdet nota tagħhom fil-kuntest tat-test konġunt imniżżel fl-Anness 2 tal-ANNESS.

IM 11489 2025
17-11-2025

**EUROPEAN UNION**

**Conciliation Committee on the budget 2026**

Brussels, 15 November 2025

President-in-Office of the Council of the European Union
175, rue de la Loi
B - 1048 Brussels

Dear President,

Based on Article 314(4) and (5) of the Treaty on the Functioning of the European Union (TFEU), and following information by the Council that it could not accept all the amendments adopted by the European Parliament on 22 October 2025 on the Council's position on the draft budget for 2026[1], the Conciliation Committee was convened for 28 October 2025, with a view to reaching agreement on a joint text.

The Conciliation Committee had at its disposal the following elements:

- draft budget proposed by the Commission (COM(2025) 300 final of 9 July 2025), as amended by letter of amendment No 1 (COM(2025) 851 final of 9 October 2025);
- Council's position on the draft budget (5 September 2025);
- European Parliament's amendments to the Council's position (22 October 2025).

Following meetings on 4, 14 and 15 November 2025 an agreement has been reached on 15 November 2025 on a joint text as provided for in Article 314(5) TFEU.

1 See letter by the President of the Council of 22 October 2025.

In accordance with Point 24 of Annex 1 to the Interinstitutional Agreement of 16 December 2020[1], the joint text for the budget 2026 shall consist of this letter and the following documents taken together, which are recorded in Annex 1:

- line by line figures for all budget items and summary figures by MFF headings;
- a consolidated document, indicating the figures and final text of all lines that have been amended during the conciliation procedure;
- the list of the lines not amended with regard to the draft budget or the Council's position on it.

Pursuant to Article 314(6) TFEU, the joint text is hereby forwarded to the European Parliament and the Council, which shall each have a period of fourteen days from this day, in which to approve the text for the purposes of paragraphs 7 and 8 of the same Article.

The Conciliation Committee has also agreed on or taken note of the statements recorded in Annex 2 to this letter.

An identical letter is addressed to the President of the European Parliament.

Johan VAN OVERTVELDT
Co-chair

Nicolai WAMMEN
Co-chair

Annexes: List of documents forming part of the joint text

Statements

cc: Piotr SERAFIN, Commissioner for Budget, Anti-Fraud and Public Administration

1 Interinstitutional Agreement of 16 December 2020 between the European Parliament, the Council of the European Union and the European Commission on budgetary discipline, on cooperation in budgetary matters and on sound financial management, as well as on new own resources, including a roadmap towards the introduction of new own resources (OJ L 433 I, 22.12.2020, p. 28).

**DOKUMENT TA' KONĊILJAZZJONI**
**GĦALL-PROĊEDURA BAĠITARJA 2026**
**LISTA TA' DOKUMENTI LI JIFFURMAW PARTI MIT-TEST KONĠUNT**
**- BAĠIT 2026[1] -**

**Dok Nru 1: TABELLI SOMMARJI**

**ĊIFRI SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP**

**ĊIFRI SKONT IL-PROGRAMM**

**PJANIJIET TA' STABBILIMENT AWTORIZZATI SKONT IT-TAQSIMA**

**Dok Nru 2: ĊIFRI SKONT IL-LINJA BAĠITARJA**

**Dok Nru 2.1: TAQSIMIET OĦRA**

**Dok Nru 2.2: TAQSIMA III – KUMMISSJONI**

**Dok Nru 3: EMENDI SKONT IL-LINJA BAĠITARJA**

**Dok Nru 3.1: TAQSIMIET OĦRA**

**Dok Nru 3.2: TAQSIMA III – KUMMISSJONI**

---

[1] Id-dokumenti elenkati f'dan l-Anness ser jintbagħtu biss b'mod elettroniku.

# DOKUMENT TA' KONĊILJAZZJONI
# GĦALL-PROĊEDURA BAĠITARJA 2026
# DIKJARAZZJONIJIET

## 1. Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-approprjazzjonijiet ta' pagament

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jappellaw lill-Kummissjoni tibqa' timmonitorja mill-qrib u b'mod attiv matul is-sena 2026 l-implimentazzjoni tal-programmi (b'mod partikolari dawk taħt is-subintestatura 2a u tal-Iżvilupp Rurali). Għal dan il-għan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni tippreżenta, fi żmien debitu, ċifri aġġornati li jikkonċernaw is-sitwazzjoni attwali u l-istimi rigward l-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2026.

Jekk iċ-ċifri juru li l-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit għall-2026 mhumiex biżżejjed biex ikopru l-ħtiġijiet ġustifikati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni tippreżenta mill-aktar fis possibbli soluzzjoni xierqa, fost l-oħrajn, abbozz ta' baġit emendatorju, bil-ħsieb li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jieħdu kwalunkwe deċiżjoni meħtieġa malajr kemm jista' jkun mingħajr dewmien żejjed għal ħtiġijiet ġustifikati. Fejn applikabbli, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser iqisu l-urġenza tal-kwistjoni, billi jnaqqsu l-perjodu ta' tmien ġimgħat għal deċiżjoni jekk jitqies meħtieġ. L-istess japplika mutatis mutandis jekk iċ-ċifri juru li l-approprjazzjonijiet li ddaħħlu fil-baġit għall-2026 ikunu ogħla minn kemm ikun meħtieġ.

## 2. Dikjarazzjoni unilaterali tal-Kummissjoni dwar l-aġenziji

Sabiex jiġi żgurat li l-aġenziji jwettqu l-mandati tagħhom bl-aktar mod kosteffiċjenti, il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li tkompli tkun estremament viġilanti meta tivvaluta l-ħtiġijiet baġitarji tal-aġenziji, filwaqt li tirsisti biex jintlaħqu l-effiċjenzi u r-razzjonalizzazzjonijiet.

---